VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,059, 20 ta' Settembru, 2018
Taqsima B

A.L. 300 tal-2018

ATT DWAR IR-RIKONOXXIMENT REĊIPROKU TA' KWALIFIKI (KAP. 451)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 tal-Att Dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki, il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali, hawn aktar 'il quddiem imsejħa, "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 451.03.

Jemenda r-regolament 6F tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 6F (1) (ċ) tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(ċ) l-attività professjonali tista' tiġi separata b'mod oġġettiv minn attivitajiet oħra li jaqgħu taħt il-professjoni regolata f'Malta: iżda, għal dan il-għan l-awtorità nominata għandha tqis jekk l-attività professjonali tistax issir b'mod awtonomu fl-Istat ta' Oriġini.".